

Brussell, 2 ta' Frar 2018
(OR. en)

5386/18

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0339 (NLE)

CORDROGUE 6
SAN 19
ENFOPOL 18

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: ABBOZZ DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li
tissottoponi s-sustanza psikoattiva l-ġdida N-(4-fluorofenil)-2-metil-N-[1-
(2-fenilettil)piperidin-4-il)propanammid (4-fluoroisobutirilfentanil) għal miżuri
ta' kontroll

ABBOZZ

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta' ...

**li tissottoporti s-sustanza psikoattiva l-ġdida
N-(4-fluorofenil)-2-metil-N-[1-(2-fenilettil)piperidin-4-il]propanamid
(4-fluoroisobutirilfentanil) għal miżuri ta' kontroll**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI tal-10 ta' Mejju 2005 dwar l-iskambju ta' informazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju u l-kontroll fuq sustanzi psikoattivi ġodda¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(3) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew²,

¹ ĠU L 127, 20.5.2005, p. 32.

² ĠU C , , p. .

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI, tfassal rapport dwar il-valutazzjoni tar-riskji dwar is-sustanza psikoattiva l-ġdida N-(4-fluorofenil)-2-metil-N-[1-(2-feniletil)piperidin-4-il]propanamid ("4-fluoroisobutirilfentanil") minn sessjoni speċjali tal-Kumitat Xjentifiku estiż taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga, u r-rapport ġie ppreżentat lill-Kummissjoni u lill-Kunsill fl-14 ta' Novembru 2017.
- (2) Il-4-fluoroisobutirilfentanil hija oppjojde sintetiku strutturalment relatata mal-fentanil, li hija sustanza kkontrollata użata fil-mediċina bħala addittiv għall-anestesija ġenerali waqt il-kirurġija u għall-immaniġġjar tal-uġiġħ. Hija wkoll strutturalment relatata mal-aċetilfentanil, l-akriloilfentanil¹ u l-furanilfentanil².

¹ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1774 tal-25 ta' Settembru 2017 li tissoġġetta l-N-(1-fenetilpiperidin-4-il)-N-fenilakrilamid (akriloilfentanil) għal miżuri ta' kontroll (ĠU L 251, 29.9.2017, p. 21).

² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2170 tal-15 ta' Novembru 2017 li tissoġġetta l-N-fenil-N-[1-2-feniletil]-piperidin-4-il]furan-2-karbossamid (furanilfentanil) għal miżuri ta' kontroll (ĠU L 306, 22.11.2017, p. 19).

- (3) Il-4-fluoroisobutirilfentanil ilha disponibbli fl-Unjoni mill-inqas minn Awwissu 2016 u ġiet sekwestrata f'erba' Stati Membri, li rrapportaw total ta' 24 sekwestru. B'mod ġenerali, huwa probabbli li każijiet ta' individwazzjoni ma jiġux irrapportati kollha peress li l-4-fluoroisobutirilfentanil mhijiex soġġetta għal kontrolli sistematiċi. F'ħafna każijiet, il-4-fluoroisobutirilfentanil ġiet issekwestrata bħala trab, iżda kienet ukoll issekwestrata, f'miżura iżgħar, f'forma likwida u bħala pilloli. Il-kwantitajiet individwati huma relattivament żgħar. Madankollu, dawn għandhom jitqiesu fil-kuntest ta' potenza għolja li hija tipika għall-fentanili.
- (4) Stat Membru wieħed irrapporta 16-il każ ta' mewt fejn l-esponiment għall-4-fluoroisobutirilfentanil ġie kkonfermat. F'ħafna mill-każijiet, ġew individwati wkoll drogi oħra barra mill-4-fluoroisobutirilfentanil. F'mill-inqas 13-il każ ta' mewt il-4-fluoroisobutirilfentanil kienet jew il-kawża tal-mewt jew inkella x'aktarx li kkontribwixxiet għall-mewt. L-ebda intossikazzjoni akuta b'espożizzjoni kkonfermata għall-4-fluoroisobutirilfentanil ma ġiet irrapportata. Kemm l-intossikazzjonijiet mhux fatali kif ukoll l-imwiet ikkawżati mill-4-fluoroisobutirilfentanil x'aktarx ma ġewx individwati kollha u ma ġewx irrapportati kollha peress li l-4-fluoroisobutirilfentanil mhijiex soġġetta għal kontrolli sistematiċi. L-esponiment aċċidentali għall-4-fluoroisobutirilfentanil jista' jgħallq riskju għall-persunal tal-infurzar tal-liġi, għall-persunal ta' emerġenza, għall-persunal mediku u tal-laboratorji forensiċi, għall-persunal tas-servizzi postali kif ukoll għal dawk li jaħdmu f'postijiet ta' kustodja.

- (5) Ma hemm ebda informazzjoni dwar l-involviment tal-kriminalità organizzata fil-manifattura, id-distribuzzjoni, it-traffikar u l-forniment tal-4-fluoroisobutirilfentanil fl-Unjoni. Madankollu, minħabba l-fatt li din ġiet individwata f'kampjuni ta' eroina, l-involviment tal-kriminalità organizzata ma jistax jiġi eskluż. L-informazzjoni disponibbli tissuġġerixxi li l-4-fluoroisobutirilfentanil hija prodotta minn kumpaniji kimiċi fiċ-Ċina, imma huwa possibbli li l-kapaċità ta' manifattura tal-fentanili tista' teżisti wkoll fl-Unjoni.
- (6) Il-4-fluoroisobutirilfentanil tidher li tinbiegħ onlajn f'ammonti żgħar u bl-ingrossa, qisha l-hekk imsejħa kimika għar-riċerka jew qisha l-hekk imsejjaħ sostitut legali għall-oppjojdi illeċiti, fil-forma ta' trab, fil-forma ta' likwidu, pereżempju fi sprejs lesti għall-użu, u fil-forma ta' assorbent. Informazzjoni minn sekwestri tissuġġerixxi li l-4-fluoroisobutirilfentanil inbiegħet ukoll bħala eroina fuq is-suq illeċitu tal-oppjojdi, jew instabet f'taħlitiet ma' oppjojdi oħra bħall-eroina u furanilfentanil, jew ġiet użata biex issir mediċina falza ta' analġeżiċi u benzodiazepina mfittxija ħafna. Minħabba dan, l-utenti jistgħu ma jkunux konxji li huma qegħdin jużaw il-fentanil.
- (7) Jidher li l-4-fluoroisobutirilfentanil ma għandha l-ebda użu mediku għall-bniedem jew użu mediku veterinarju li huwa rikonoxxut fl-Unjoni u lanqas, kif jidher, x' imkien ieħor. Ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-4-fluoroisobutirilfentanil tista' tintuża għal xi skop ieħor minbarra bħala standard analitiku ta' referenza u fir-riċerka xjentifika.

- (8) Ir-rapport dwar il-valutazzjoni tar-riskju juri li ħafna mill-mistoqsijiet relatati mal-4-fluoroisobutirilfentanil li jqumu minħabba n-nuqqas ta' data dwar ir-riskji għas-saħħa individwali, ir-riskji għas-saħħa pubblika, u r-riskji soċjali, jista' jkollhom risposta permezz ta' iktar riċerka. Madankollu, l-evidenza u l-informazzjoni disponibbli dwar ir-riskji tas-saħħa u soċjali li toħloq din is-sustanza, anki minħabba s-similaritajiet tagħha mal-fentanil, l-akriloilfentanil u l-furanilfentanil, jipprovdu raġunijiet suffiċjenti biex il-4-fluoroisobutirilfentanil tiġi sottoposta għal miżuri ta' kontroll fl-Unjoni kollha.
- (9) 4-fluoroisobutirilfentanil mhijiex elenkata għall-kontroll skont il-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1961 dwar id-Drogi Narkotiċi jew skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1971 dwar Sustanzi Psikotropiċi. Il-4-fluoroisobutirilfentanil bħalissa qed tiġi vvalutata mis-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti u ġiet analizzata waqt it-39 laqgħa tal-Kumitat tal-Esperti tal-WHO dwar id-Dipendenza mid-Droga li saret mis-6 sal-10 ta' Novembru 2017 f'Ġinevra. Dak ma jipprekludix l-Unjoni milli tieħu deċiżjoni li tissottoporti l-4-fluoroisobutirilfentanil għal miżuri ta' kontroll.
- (10) Billi seba' Stati Membri jikkontrollaw il-4-fluoroisobutirilfentanil fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-kontroll tad-drogi u ħames Stati Membri jikkontrollaw il-4-fluoroisobutirilfentanil taħt leġiżlazzjoni oħra, il-fatt li l-4-fluoroisobutirilfentanil tiġi sottoposta għal miżuri ta' kontroll fl-Unjoni kollha jgħin biex jiġi evitat li jfeġġu ostakli fl-infurzar tal-liġi u fil-kooperazzjoni għidizzjarja transfruntieri, u jgħin fil-protezzjoni mir-riskji li d-disponibbiltà u l-użu tagħha joħolqu.

- (11) Id-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI tikkonferixxi setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kunsill bil-ħsieb li jkun hemm reazzjoni rapida u bbażata fuq kompetenza esperta fil-livell tal-Unjoni fil-każ li jfeġġu sustanzi psikoattivi ġodda individwati u rrapportati mill-Istati Membri, billi tissottoporti dawk is-sustanzi għal miżuri ta' kontroll fl-Unjoni kollha. Billi l-kondizzjonijiet u l-proċedura biex jiġi attivati l-eżerċizzju ta' tali setgħat ta' implimentazzjoni ġew issodisfati, jenħteġ li tiġi adottata deċiżjoni ta' implimentazzjoni sabiex il-4-fluoroisobutirilfentanil tiġi sottoposta għal miżuri ta' kontroll fl-Unjoni kollha.
- (12) Id-Danimarka hija marbuta bid-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI u għalhekk qed tiegħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, li timplimenta d-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI.
- (13) L-Irlanda hija marbuta bid-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI u għalhekk qed tiegħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, li timplimenta d-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI.
- (14) Ir-Renju Unit mhuwiex marbut bid-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI u għalhekk mhux qed jiegħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-sustanza psikoattiva l-ġdida *N*-(4-fluorofenil)-2-metil-*N*-[1-(2-feniletil)piperidin-4-il]propanamid ("4-fluoroisobutirilfentanil") għandha tiġi sottoposta għal miżuri ta' kontroll fl-Unjoni kollha.

Artikolu 2

Sa ... [sena mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni], l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa, skont il-liġi nazzjonali tagħhom, biex jissottopnu l-4-fluoroisobutirilfentanil għal miżuri ta' kontroll u pieni kriminali, kif previst fil-leġiżlazzjoni tagħhom, b'mod konformi mal-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1961 dwar id-Drogi Narkotiċi kif emendata bil-Protokoll tal-1972.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data wara dik tal-pubblikazzjoni tagħha f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika b'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
